**10 ta' Awwissu**

## SAN LAWRENZ, DJAKNU U MARTRI

***FESTA***

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

V/. Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bil-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

M'hux li kontu llum tisimgħu leħnu!

"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-martri: ejjew nadurawh.

# UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

## INNU

Infaħħru 'l San Lawrenz, id-djaknu martri,
li stmerr il-ġid ta' l-art u l-frugħa tiegħu,
u qassmu lill fqajrin b'idejh miftuħa
    minħabba Kristu.

Hu bata n-nar, iżd'aqwa f'qalbu kienet
il-ħeġġa tan-nirien li bihom tkebbes
għall-ħajja ta' bla tmiem li lejha ntrefa'
    bi mħabbtu sħiħa.

Il-qtajja' kbar ta' l-anġli lkoll ħerqana
tellgħu għall-ħlas fis-sema r-ruħ qaddisa,
fejn dejjem qiegħed joffri t-talb għalina
    lil Sid it-tjieba.

Għalhekk minn qalbna nitolbuh l-għajnuna
sabiex naqilgħu l-maħfra ta' ħtijietna,
u b'għira mqaddsa nħarsu bla mittiefes
    id-don tal-fidi.

Tifħir u glorja lill-Missier tas-sema,
'l Ibnu l-waħdieni u lill-Ispirtu s-Santu,
li b'setgħa, għerf u mħabba jmexxu l-ħlejjaq
    għall-hena tagħhom. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi; imma min jibqa' jżomm sħiħ sa l-aħħar dan isalva.

### Salm 2

Għaliex jixxewwxu l-ġnus, *
u l-popli jreddnu għal xejn?
Is-slaten ta' l-art iqumu, †
u l-kbarat jiftiehmu bejniethom *
kontra l-Mulej u l-Midluk tiegħu:
"Ħa nkissru l-ktajjen tagħhom, *
u ntajjru minn fuqna l-irbit tagħhom!"

Dak li hu fis-smewwiet jidħak bihom, *
il-Mulej biċ-ċajt jeħodhom.
Mbagħad ikellimhom bil-herra, *
bil-qilla tiegħu jkexkixhom:
"Għax jien għamiltu s-sultan tiegħi, *
fuq Sijon, l-għolja mqaddsa tiegħi!"
Irrid inxandar id-digriet tal-Mulej; *
hu qalli: "Ibni int, jien illum nissiltek.
Itlobni, u l-ġnus nagħtik b'wirtek, *
u truf l-art bi priża tiegħek.
B'virġa tal-ħadid int tkissirhom, *
bħal ġarra tal-fuħħar frak tagħmilhom."

U issa, slaten, ifhmu sewwa; *
twiddbu, intom li taħkmu l-art.
Aqdu lill-Mulej bil-biża', *
u bir-rogħda riġlejh busu,
li ma jagħdabx u intom tinqerdu, *
għax malajr tixgħel il-qilla tiegħu.
Hienja dawk kollha *
li jistkennu fih!
Glorja.

Ant. 1: Lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi; imma min jibqa' jżomm sħiħ sa l-aħħar dan isalva.
Ant.2: It-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mas-sebħ li għad irid jidher fina.

## Salm 10 (11)

Fil-Mulej hu l-kenn tiegħi; †
mela kif tgħiduli: *
"Aħrab bħal għasfur lejn l-għolja;
għax, ara, il-midinbin qed imiddu l-ark, †
u jqabbdu mal-watar il-vleġġa, *
biex jolqtu fid-dlam lin-nies ta' qalb safja.
Jekk is-sisien jinqalbu, *
il-bniedem ġust x'jista' jagħmel?"

Il-Mulej hu fit-tempju mqaddes tiegħu, *
il-Mulej fis-sema għandu t-tron tiegħu;
għajnejh fuq il-bnedmin jitfa', *
bi xfar għajnejh jiflihom.
Jgħarbel il-Mulej il-ġust u 'l-ħażin; *
hu jobgħod 'il min iħobb id-dnewwa.
Xita ta' ġamar u kubrit jitfa' fuq il-ħżiena; *
riħ jikwi jkun is-sehem li ħaqqhom.

Għax ġust hu l-Mulej, u jħobb il-ġustizzja; *
wiċċu jdawwar lejn min hu sewwa.
Glorja.

Ant.2: It-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mas-sebħ li għad irid jidher fina.
Ant. 3: Bħalma d-deheb jgħadduh minn-nar, hekk il-Mulej għadda l-magħżulin tiegħu, u bħal vittma tas-sagrifiċċju laqagħhom għal dejjem.

## Salm 16 (17)

Isma', Mulej, il-kawża ġusta tiegħi, *
ilqa' l-għajta tiegħi,
agħti widen għat-talb tiegħi; *
bla qerq huma xufftejja.

Mingħandek toħroġ il-ġustizzja għalija, *
        għajnejk jaraw is-sewwa.

Jekk qalbi tiflili, jekk billejl iżżurni, *
        jekk inti ġġarrabni, ma ssib ebda qerq fija.
Ma żbaljajtx bi kliemi, kif jagħmlu n-nies; *
        ħarist ruħi bi kliemek minn triqat il-ħżiena.
Il-mixi tiegħi żammejt fi triqatek, *
        qatt ma għotru riġlejja.

Nsejjaħlek, għax int tweġibni, o Alla; *
        ressaq widintek lejja, isma' kliemi.
Uri t-tjieba tiegħek ta' l-għaġeb; *
        int li teħles mill-għedewwa
        lil min jittama fil-leminija tiegħek.
Bħal ħabba ta' l-għajn ħarisni, *
        għad-dell ta' ġwenħajk kenninni
mill-ħżiena li jagħfsu fuqi, *
        mill-għedewwa qattiela li jdawwruni.

Għalqu qalbhom għall-ħniena, *
        minn fommhom joħroġ kliem kburi.
Jiġu għal fuqi, minn kull naħa għalquni, *
        ħarsithom fuqi, biex ma' l-art jitfgħuni.
Huma bħal iljun imxennaq għall-priża, *
        bħal ferħ ta' ljun moħbi wara l-mansab.
Qum, Mulej, oħroġ għall-għadu u ġarrfu; *
        eħlisli ħajti minn id il-ħażin.
B'sejfek, Mulej, b'idek mill-bnedmin eħlisni, *
        mill-bnedmin li ħajjet din l-art sehemhom.
Ħa jimtlew bil-ġid tiegħek, †
        ħa jieklu sax-xaba' wliedhom, *
        u jibqgħalhom xi jħallu liż-żgħar tagħhom!
Imma jien, fil-ħaqq, għad nara 'l wiċċek; *
        meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.
Glorja.

Ant. 3: Bħalma d-deheb jgħadduh minn-nar, hekk il-Mulej għadda l-magħżulin tiegħu, u bħal vittma tas-sagrifiċċju laqagħhom għal dejjem.

V/. Id-diqa u n-niket waqgħu fuqi.
R/. Imma l-kmandamenti tiegħek baqgħu l-għaxqa tiegħi.

## LEZZJONI 1

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli Atti 6:1-6; 8:1.4-8

*L-Appostli jagħżlu s-seba' djakni*

F'dawk il-jiem, billi n-numru tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied, sar xi tgergir mill-Hellenisti kontra l-Lhud, għaliex (kif bdew jgħidu huma) ma kienx qiegħed jittieħed ħsieb tar-romol tagħhom fit-tqassim ta' kuljum. Għalhekk it-Tnax sejjħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: "M'hux sewwa li aħna nħallu l-kelma ta' Alla biex naqdu fl-imwejjed. Mela, l-aħwa, agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din il-ħidma f'idejhom. U aħna nibqgħu mogħtijin għat-talb u għall-ministeru tal-kelma."

Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Pròkoru, lil Nikànor, lil Timon, lil Parmenas, u 'l Nikola, prosèlitu minn Antjokja. Lil dawn ressquhom quddiem l-Appostli li, wara li talbu, qiegħdu idejhom fuqhom.

Dak iż-żmien qamet persekuzzjoni kbira kontra l-knisja ta' Ġerusalemm. Barra mill-Appostli, kulħadd xtered fl-artijiet tal-Lhudija u tas-Samarija.

Dawk li xterdu marru 'l hawn u 'l hemm ixandru l-kelma. Filippu ġie f'belt tas-Samarija u lin-nies tagħha xandrilhom 'il Kristu. Ġmiegħi ta' nies bi ħġarhom kienu jilqgħu dak li kien jgħidilhom Filippu, meta kienu jisimgħu u jaraw il-mirakli li kien jagħmel. L-ispirti mniġġsa kienu joħorġu minn ħafna minn dawk li kienu maħkuma minnhom, jgħajjtu b'leħen qawwi; ħafna oħrajn, mifluġa jew zopop, kienu jitfejjqu. U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt.

## RESPONSORJU Mt 10:32; Ġw 12:26a

R/. Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li huwa miegħi, jgħid il-Mulej, * Jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.
V/. Jekk xi ħadd irid jaqdini, dan għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ikun il-qaddej tiegħi. * Jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.

## LEZZJONI II

Qari mid-Diskorsi ta’ Santu Wistin

*Qassam id-demm imqaddes ta’ Kristu*

Illum il-Knisja Rumana tirrikkmandalna biex nagħmlu festa f’jum ir-rebħ ta’ San Lawrenz, il-jum li fih xeħet taħt riġlejh it-tehdid tad-dinja u maqdar iż-żegħil tagħha, u għeleb lix-xitan li ried iħabbtu b’dan it-tehdid u ż-żegħil. Bħalma smajtu bosta drabi, Lawrenz qeda l-uffiċċju ta’ djaknu fl-istess Knisja ta’ Ruma. Hemmhekk qassam id-demm ta’ Kristu; hemmhekk xerred demmu għall-isem ta’ Kristu. Jidher tajjeb li l-Appostlu San Ġwann kellu f’moħħu l-misteru ta’ l-ikla tal-Mulej meta qal: *Bħalma Kristu ta ħajtu għalina, hekk aħna wkoll għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa.* Ħuti, San Lawrenz fehmu sewwa dan il-kliem; hekk fehem, u hekk għamel; u dak kollu li ħa minn dik l-ikla, dak stess ħejja. Ħabb lil Kristu f’ħajtu, u sar jixbhu fil-mewt.

Għalhekk aħna, ħuti, jekk tassew inħobbuh, aħna wkoll għandna nsiru nixbħuh. L-aħjar frott li l-imħabba tagħna tista’ tagħti huwa dan: li nsiru nixbhu lill-eżempju: *Kristu bata għalikom, u ħallielkom eżempju, biex timxu fuq il-passi tiegħu.* B’dan il-kliem l-Appostlu San Pietru donnu ried jgħid li Kristu miet għal dawk biss li jimxu fuq il-passi tiegħu, u li l-mewt tiegħu ma tiswa xejn ħlief għal dawk li jimxu fuq il-passi tiegħu. Dan għamluh il-qaddisin martri, li mxew fuq il-passi ta’ Kristu sat-tixrid ta’ demmhom, sa saru jixħuh fil-mewt. Il-martri għamluh dan, imma mhux huma biss. Għax wara li huma mxew u għaddew, il-pont ma nkisirx; wara li xorbu huma, l-għajn ma nixfitx.

Għax fil-ġnien tal-Mulej, ħuti, insibu, iva, insibu mhux biss ward tal-martri, iżda wkoll ġilji tal-verġni, liedni tal-miżżewġin, u vjoli tar-romol. Ebda bniedem, ħuti għeżież, ma għandu jaqta’ qalbu mis-sejħa tiegħu; anqas xejn: Kristu għal kulħadd miet. Hi kelma tas-sewwa dik li nkitbet fuqu: *Irid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu s-sewwa.*

Infittxu, mela, biex nifhmu sewwa li, barra mit-tixrid tad-demm, barra mill-periklu tal-mewt, hemm mod ieħor kif in-nisrani għandu jimxi fuq il-passi ta’ Kristu. L-Appostlu tkellem hekk fuq Kristu Sidna: *Kristu, li kellu n-natura ta’ Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla.* Araw x’kobor! *Imma tneżża’ minn kollox, billi ħa n-natura ta’ lsir, sar jixbah lill-bniedem u deher minn barra bħal bniedem.* Araw x’umiltà!

Kristu ċekken lilu nnifsu: għandek, nisrani ħija, għandek mingħand min tieħu eżempju. *Kristu sar ubbidjenti:* xi trid titkabbar? Iżda mbagħad, wara ħajja hekk umli, wara r-rebħa fuq il-mewt, Kristu tela’ s-sema: nimxu warajh. Isma’ l-

Appostlu xi jgħidlek: *Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla.*

**RESPONSORJU** Salm 17(18):3b

R/. Lawrenz għajjat u qal: Jiena nqim lil Alla tiegħi, u naqdi lilu waħdu; * Ma nibżax mill-moħqrija tiegħek.
V/. Alla tiegħi hu l-għajnuna tiegħi: jien nittama fih. * Ma nibżax mill-moħqrija tiegħek.

## INNU LILEK, O ALLA, INFAĦĦRU.

Lilek, o Alla, infaħħru: * lilek b'Mulej nistqarru.
Lilek Missier ta' dejjem, * id-dinja kollha tqimek.
Lilek l-anġli kollha, *
Lilek is-smewwiet u l-qawwiet kollha tagħhom,
Lilek il-kerubini u s-serafini *
Ixandruk bla heda:

Qaddis, * Qaddis, * Qaddis *
Il-Mulej Alla ta' l-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija *
bil-kobor tas-sebħ tiegħek.
Lilek tfaħħar *
Il-ġemgħa glorjuża ta' l-Appostli.
Lilek ifaħħar *
l-għadd sabiħ tal-Profeti.
Lilek ifaħħru *
il-qtajja' tal-martri rebbieħa kollhom bjuda.
Mad-dinja kollha * il-Knisja mqaddsa tistqarr fik:
il-Missier * ta' kobor bla qjies
l-Iben tiegħek miqjum, * veru u waħdieni
u l-Ispirtu s-Santu, * id-Difensur

Kristu, * inti s-Sultan glorjuż.
Inti minn dejjem * Bin il-Missier.
Int, biex teħles lill-bniedem, *
ma stmerrejtx tinżel f'ġuf ta' Verġni.
Int ħriġt rebbieħ fuq is-setgħa tal-mewt, *
u ftaħt is-saltna tas-smewwiet għal min jemmen.

Int qiegħed fil-leminija ta' Alla, *
fis-sebħ tal-Missier.
Aħna nemmnu *
li int għad terġa' tiġi bħala mħallef.
Nitolbuk għalhekk li tgħin lill-qaddejja tiegħek, *
li int fdejt b'demmek il-għażiż.
Agħmel li nissieħbu mal-qaddisin tiegħek *
fil-glorja ta' dejjem.

Salva lill-poplu tiegħek, Mulej, *
bierek lill-wirt tiegħek.
Kun ir-ragħaj tagħhom, *
erfagħhom għal dejjem.
Minn jum għall-ieħor * aħna nberkuk;
u nfaħħru ismek għal dejjem, *
u għal dejjem ta' dejjem.
Agħmel, Mulej, li llum *
inħarsu ruħna minn kull dnub.
Ħenn għalina, Mulej, * ħenn għalina.
Ħa tkun fuqna, Mulej, it-tjieba tiegħek, *
kif fik hi t-tama tagħna.
Fik, Mulej, jien nistkenn: *
ma jkolli qatt għax ninfixel.

## TALBA

O Alla, int ħeġġiġt b'imħabbtek lil San Lawrenz, qaddej kbir u fidil tal-Knisja tiegħek, li kiseb il-glorja tal-martirju; agħmel li ngħożżu dak li huwa ħabb u nimxu fuq it-tagħlim li tana. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

Biex Lawrenz żamm sħiħ fil-fidi,
kellu jxejjen il-qlub xierfa;
xħin in-nies għatxana għal demmu
b’għodda nqdew mill-aktar kiefra.

L-ewwel fost is-seba żgħażagħ,
ħdejn l-artal qed jistennew;
Lawrenz iżda ogħla minnhom,
u fejn ismu jintesew.

Bi qlubija dam jissielet
bla ma kellu sejf ma qaddu;
xħin milqut minn dak ta’ l-għadu
qalgħu minnu w lura raddu.

Hekk, Lawrenz, bil-qima kollha
ngħożżu w nagħrfu tbatijietek;
jekk xi ħadd jitolbok ħniena
ċċaħħdu qatt minn għajunietek.

Sakemm wieqfa tibqa’ s-sema
tgħożż int tibqa’ r-rand tar-rebħa;
għax iċ-ċaħda li għamilt
tqarrbek wisq lejn l-akbar debħa.

Lill-Missier inbierku u ‘l-Iben,
U ‘l-Ispirtu inqimuh;
jalla b’talb Lawrenz għad niksbu
il-ħlas kollu ta’ dad-dmugħ. Ammen.

## SALMODIJA

Ant. 1: Ruħi ngħaqdet miegħek, għax ġismi nħaraq bin-nar għall-imħabba tiegħek, Alla tiegħi.

### Salm 62 (63), 2-9

Alla, Alla tiegħi int; *
lilek ħerqan infittex.
Ruħi bilgħatx għalik, †
għalik imxennaq jiena, *
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.
Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek, *
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, *
xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek.

Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha; *
ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek.
Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela, *
u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa,
meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar, *
u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.
Għax int kont għajnuna għalija, *
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Miegħek tingħaqad ruħi, *
int tweżinni bil-leminija tiegħek.
Glorja.

Ant. 1: Ruħi ngħaqdet miegħek, għax ġismi nħaraq bin-nar għall-imħabba tiegħek, Alla tiegħi.
Ant. 2: Il-Mulej bagħat l-anġlu tiegħu jeħlisni minn-nar iħeġġeġ madwari, u ma nħraqtx.

### Kantiku (Dan 3,57-88.56)

Bierku, għemejjel kollha tal-Mulej, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, anġli tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku, smewwiet, il-Mulej.
Bierku, ilmijiet kollha ta' fuq is-sema, il-Mulej; *

bierku, setgħat kollha, il-Mulej.
Bierku, xemx u qamar, il-Mulej; *
bierku, kwiekeb tas-sema, il-Mulej.

Bierku, xita u nida kollha, il-Mulej; *
bierku, irjieħ kollha, il-Mulej.
Bierku, nar u sħana, il-Mulej; *
bierku, bard u ksieħ, il-Mulej.
Bierku, nida u borra, il-Mulej; *
bierku, silġ u bard, il-Mulej.
Bierku, ġlata u silġ, il-Mulej; *
bierku, iljieli u ġranet, il-Mulej.
Bierku, dawl u dlam, il-Mulej; *
bierku, beraq u sħab, il-Mulej.

Ħa tbierek l-art il-Mulej, *
ħa tfaħħru u tgħollih għal dejjem.
Bierku, muntanji u għoljiet, il-Mulej; *
bierku, kull ma jinbet fl-art, il-Mulej.
Bierku, għejun, il-Mulej; *
bierku, ibħra u xmajjar, il-Mulej.
Bierku, ħut kbir u kull ma jżiġġ fl-ilma, il-Mulej; *
bierku, tjur kollha ta' l-ajru, il-Mulej.
Bierku, bhejjem u mrieħel kollha, il-Mulej; *
bierku, ulied il-bnedmin, il-Mulej.

Bierek, Iżrael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Bierku, qassisin tal-Mulej, il-Mulej; *
bierku qaddejja tal-Mulej, il-Mulej.
Bierku, spirti u rwieħ tal-ġusti, il-Mulej; *
bierku, qaddisin u intom ta' qalb umli, il-Mulej.
Bierku, Ħananija, Għażarija u Misael, il-Mulej, *
faħħruh u għolluh għal dejjem.
Inbierku l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; *
infaħħruh u ngħolluh għal dejjem.
Imbierek int, Mulej, fil-wisa' kollu tas-sema, *
ta' min jgħollik u jsebbħek fuq kollox għal dejjem.

Fl-aħħar ta' dan il-kantiku l-**Glorja** ma tingħadx.

Ant. 2: Il-Mulej bagħat l-anġlu tiegħu jeħlisni minn-nar iħeġġeġ madwari, u ma nħraqtx.
Ant. 3: Hieni Lawrenz, li talab u qal: Niżżik ħajr, Mulej, għax stħaqqli nidħol mill-bibien tiegħek.

## Salm 149

Għannu lill-Mulej għanja ġdida: *
fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħuħ
Ħa jifraħ Iżrael bil-Ħallieq tiegħu, *
u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom
Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu, *
bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra!
Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, *
u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.

Bil-glorja jithennew ħbiebu, *
u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom!
It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom, *
u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom,
biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus, *
u jagħtu l-kastig lill-popli,
jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom, *
bi rbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom,
jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom: *
dan hu ġieħ għall-ħbieb tiegħu kollha.

Ant. 3: Hieni Lawrenz, li talab u qal: Niżżik ħajr, Mulej, għax stħaqqli nidħol mill-bibien tiegħek.

## LEZZJONI QASIRA 2 Kor 1:3-5

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fid-dwejjaq kollha tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' dwejjaq. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Il-Mulej hu l-qawwa tiegħi * U l-għana tat-tifħir tiegħi. Il-Mulej.
V/. Hu kien is-salvazzjoni tiegħi. * U l-għana tat-tifħir tiegħi. Glorja. Il-Mulej.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
La tibżax, qaddej tiegħi, għax jiena miegħek; mqar jekk tgħaddi minn-nar, ebda ħsara ma jagħmillek, u ebda riħa ta' ħruq ma tinxtamm fik.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
    għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
    f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
    b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
    u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
    u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
    li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
    naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
    bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
    għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
    bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
    li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
    fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
    ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
    u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
    u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
La tibżax, qaddej tiegħi, għax jiena miegħek; mqar jekk tgħaddi minn-nar, ebda ħsara ma jagħmillek, u ebda riħa ta' ħruq ma tinxtamm fik.

**PREĊI**

Ħuti għeżież, permezz tal-martri li taw ħajjithom għall-kelma ta' Alla, infaħħru s-Salvatur tagħna, li hu x-xhud ta' min joqgħod fuqu, u ngħidulu:

*Int fdejtna għal Alla b'demmek.*

F'ġieħ il-martri tiegħek, li b'rieda sħiħa għażlu l-mewt biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom.
- agħmel, Mulej, li aħna nkunu tassew ħielsa.
F'ġieħ il-martri tiegħek, li stqarrew il-fidi tagħhom sat-tixrid ta' demmhom,
- agħtina, Mulej, fidi safja u qawwija sa l-aħħar.
F'ġieħ il-martri tiegħek, li refgħu salibhom u mxew warajk,
- agħmel, Mulej, li b'qalb sħiħa nistabru bl-hemm ta' din il-ħajja.
F'ġieħ il-martri tiegħek, li ħaslu lbieshom fid-demm tal-Ħaruf,
- agħtina, Mulej, ir-rebħa fuq il-qerq tal-ġisem u tad-dinja.

**Missierna**

## Talba

O Alla, int ħeġġiġt b'imħabbtek lil San Lawrenz, qaddej kbir u fidil tal-Knisja tiegħek, li kiseb il-glorja tal-martirju; agħmel li ngħożżu dak li huwa ħabb u nimxu fuq it-tagħlim li tana. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## IT-TALB TA’ NOFS IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**Fid-Disgħa ta’ filgħodu**

**INNU**

Spirtu s-Santu, li int Alla
wieħed mal-Missier u l-Iben,
ejja xxerred ġewwa fina,
ħalli bik ilkoll timliena.

Bi kliem fommna, b’qalbna w ruħna,
nerfgħu lejk it-tifħir tagħna;
int kebbisna b’nar imħabbtek,
u nxerduh fl-oħrajn madwarna.

Kun id-dawl li jtina l-għarfa
tal-Missier u l-Iben tiegħu:
żomm qawwija l-fidi tagħna
fik, l-Ispirtu li ġej minnhom. Ammen.

**F’Nofsinhar**

**INNU**

Mexxej qawwi, Alla veru,
Inti kollox tqassam sewwa:
jisbaħ jum, tagħnih bid-dija;
f’nofsu żżejnu b’dawl iħaġġeġ.

Iżda itfi l-għadab fina,
taffi s-sħana ta’ kull deni,
agħti s-saħħa ‘l min hu dgħajjef,
ġib is-sliem tassew fi qlubna.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

**Fit-Tlieta ta’ wara nofsinhar**

**INNU**

Alla, int, li fik innifsek
m’hemmx tibdil lill-ħlejjaq trieġi:
lil kull siegħa tal-ġurnata
tqis id-dawl li jkun imissha.

Ibagħtilna lejla tajba,
fejn il-ħajja qatt ma tonqos,
imma tersaq lejn il-glorja,
li tkun ħlas ta’ mewt qaddisa.

Isma’ talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta’ dejjem hi saltnatkom
ma’ l-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

*Antifoni u Salmodija tal-ġimgħa li jmiss*

**Fid-Disgħa ta’ filgħodu**

**LEZZJONI QASIRA** 1 Piet 5:10-11

Wara li tkunu batejtu għal ftit żmien, Alla li jagħti kull grazzja, li sejjħilkom għax-xebħ tiegħu ta' dejjem fi Kristu, hu nnifsu jerġa' jqajjimkom, iwettaqkom, isaħħaħkom u jqegħedkom fis-sod. Tiegħu hi s-setgħa għal dejjem! Ammen.

V/. Il-Mulej libbsu bil-ferħ.
R/. Kuruna ta’ ġmiel kbir qegħidlu fuq rasu.

**F’Nofsinhar**

**LEZZJONI QASIRA** Ġak 1:12

Hieni l-bniedem li waqt it-tiġrib jistabar, għax, wara li jkun għeleb it-tiġtib, jaqla’ l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh.

V/. Qegħidt fil-Mulej it-tama tiegħi.
R/. Ma nibżax: x’jista’ jagħmilli l-bniedem?

**Fit-Tlieta ta’ wara nofsinhar**

**LEZZJONI QASIRA** Għerf 3:1-2. 3

L-erwieħ tat-tajbin huma f’idejn Alla, u ebda turment ma jmisshom. F’għajnejn dawk li ma jemmnux qishom mejtin għalkollox; iżda huma jinsabu fis-sliem.

V/. Huma u ġejjin lura, jiġu b’għana ta’ ferħ.
**R/.** Iġorru l-qatet f’idejhom.

**Talba**

O Alla, int ħeġġiġt b’imħabbtek lil San Lawrenz, qaddej kbir u fidil tal-Knisja tiegħek, li kiseb il-glorja tal-martirju; agħmel li ngħożżu dak li huwa ħabb u nimxu fuq it-tagħlim li tana. Bi Kristu Sidna. Ammen.

Inbierku l-Mulej
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

Infaħħru 'l San Lawrenz, id-djaknu martri,
li stmerr il-ġid ta' l-art u l-frugħa tiegħu,
u qassmu lill-fqajrin b'idejh miftuħa
minħabba Kristu.

Hu bata n-nar, iżd'aqwa f'qalbu kienet
il-ħeġġa tan-nirien li bihom tkebbes
għall-ħajja ta' bla tmiem li lejha ntrefa'
bi mħabbtu sħiħa.

Il-qtajja' kbar ta' l-anġli lkoll ħerqana
tellgħu għall-ħlas fis-sema r-ruħ qaddisa,
fejn dejjem qiegħed joffri t-talb għalina
lil Sid it-tjieba.

Għalhekk minn qalbna nitolbuh l-għajnuna
sabiex naqilgħu l-maħfra ta' ħtijietna,
u b'għira mqaddsa nħarsu bla mittiefes
id-don tal-fidi.

Tifħir u glorja lill-Missier tas-sema,
'l Ibnu l-waħdieni w lill-Ispirtu s-Santu,
li b'setgħa, għerf u mħabba jmexxu l-ħlejjaq
għall-hena tagħhom. Ammen.

### SALMODIJA

Ant. 1: Lawrenz daħal għall-martirju jistqarr isem il-Mulej Ġesù Kristu.

### Salm 114 (116A)

Inħobb il-Mulej, *
ghax sama' leħen it-tħannin tiegħi;
għaliex hu tani widen *
fil-jum li fih sejjaħtlu.

Il-ħbula tal-mewt dawwruni, †
l-irbit ta' l-Imwiet ħakimni; *
fin-niket u l-hemm sibt ruħi.
Imma isem il-Mulej sejjaħt: *
"Mulej, nitolbok, salvani!"

Ħanin il-Mulej, u ġust; *
twajjeb hu Alla tagħna.
Iħares id-dgħajfa l-Mulej; *
jien kont magħkus, u hu ħelisni.

Erġa', ruħ tiegħi, għall-mistrieħ tiegħek, *
għax il-Mulej għamillek il-ġid.
Għax mill-mewt ħelisli 'l ħajti, *
lil għajnejja mid-dmugħ u 'l riġlejja mit-tfixkil.
Jien nimxi quddiem il-Mulej *
f'art il-ħajjin.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Ant. 1: Lawrenz daħal għall-martirju jistqarr isem il-Mulej Ġesù Kristu.
Ant. 2: Hieni Lawrenz, li b'leħen għoli qal: Nifraħ fuq li nifraħ, għax stħaqqli nkun vittma għal Kristu.

## Salm 115 (116B)

Bqajt nemmen, mqar meta għedt: *
"Jiena mdejjaq ħafna!"
Jien għedt fin-niket tiegħi: *
"Qarrieq hu kull bniedem."

Xi nrodd lill-Mulej *

għall-ġid kollu li għamel miegħi?
Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, *
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi, *
quddiem il-poplu tiegħu kollu.
Għażiża f'għajnejn il-Mulej *
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.
Iva, Mulej, jien qaddej tiegħek, *
jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi. †
Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, *
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi, *
quddiem il-poplu tiegħu kollu,
fil-btieħi ta' dar il-Mulej, *
ġo nofsok, Ġerusalemm!
Glorja lill-Missier......

Ant. 2: Hieni Lawrenz, li b'leħen għoli qal: Nifraħ fuq li nifraħ, għax stħaqqli nkun vittma għal Kristu.
Ant. 3: Niżżik ħajr, Mulej Ġesù Kristu, għax stħaqqli nidħol mill-bibien tiegħek.

**Kantiku** (Apok 4:11; 5:9-10, 12)

Mulej Alla tagħna, jistħoqqlok tirċievi *
l-glorja, l-ġieħ u l-qawwa,
għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha; *
ir-rieda tiegħek kienu u nħalqu.

Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb *
u tikser is-siġilli tiegħu,
għax int qatluk, u b'demmek ksibt għal Alla *
bnedmin minn kull tribù u lsien,
minn kull poplu u ġens,
u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin *
li għad isaltnu fuq l-art.

Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi †

l-qawwa, l-għana, l-għerf u s-saħħa, *
l-ġieħ u l-glorja u t-tifħir."
Glorja.

Ant. 3: Niżżik ħajr, Mulej Ġesù Kristu, għax stħaqqli nidħol mill-bibien tiegħek.

**LEZZJONI QASIRA** 1 Piet. 4:13-14

Għeżież, ifirħu, għax intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu, għax aktar tifirħu u tithennew fid-dehra tal-glorja tiegħu. Jekk imaqdrukom minħabba l-isem ta' Kristu, henjin intom! Fuqkom għandkom l-Ispirtu tal-glorja, li hu l-Ispirtu ta' Alla.

**RESPONSORJU QASIR**

R/. Ġarrabtna, o Alla, * Iżda ħriġtna fil-wisa'. Garrabtna.
V/. Għaddejtna mill-prova bħall-fidda. * Iżda ħriġtna fil-wisa'. Glorja, Ġarrabtna.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
San Lawrenz qal: Il-lejl għalija m'huwiex mudlam, iżda kollox jiddi fid-dawl.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
San Lawrenz qal: Il-lejl għalija m'huwiex mudlam, iżda kollox jiddi fid-dawl.

## **PREĊI**

F'din is-siegħa s-Sultan tal-martri offra lilu nnifsu fl-ikla ta' l-aħħar u miet fuq is-salib. Inroddulu ħajr u ngħidulu:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk għax ħabbejtna għall-aħħar, int, is-Salvatur tagħna,l-agħjn u l-eżempju ta' kull qawwa fil-martirju:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
Infaħħruk għax inti ssejjaħ lill-midinbin kollha ħalli jindmu biex tagħtihom il-ħajja.
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
Infaħħruk għax tajt is-setgħa lill-Knisja biex toffri d-demm tiegħek li int xerridt għall-maħfra tad-dnubiet, id-demm tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
Infaħħruk għax illum bil-grazzja tiegħek żammejtna sħaħ fil-fidi:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
Infaħħruk għax illum seħibt miegħek ħafna aħwa fil-mewt:
*Bil-ferħ kollu, Mulej, infaħħruk.*
**Missierna**

## **Talba**

O Alla, int ħeġġiġt b'imħabbtek lil San Lawrenz, qaddej kbir u fidil tal-Knisja tiegħek, li kiseb il-glorja tal-martirju; agħmel li ngħożżu dak li huwa ħabb u nimxu fuq it-tagħlim li tana. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## **Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**